MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 451/2002/1

**Alfred Magro**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur numru 6123 tas-sena 1940 il-kunjom tal-missier u tal-omm huma miktuba hazin, u cioe' "Magri" minflok "Magro", kemm fil-hames (5) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier kif ukoll fis-sitt (6) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm liema certifikat qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument "AM1 ";

Illi fic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tal-attur numru 1527 tas-sena 1939 il-kunjom ta' missier l-attur huwa "Magro" u mhux "Magri". Hekk ukoll kunjom in-nannu patern tal-attur huwa "Magro" u mhux "Magri" kif jidher mill-istess certifikat taz-zwieg gja citat hawn anness u mmarkat bhala Dokument "AM2";

Illi anke fic-certifikat taz-zwieg tal-istess attur numru 1561 tas-sena 1962 il-kunjom tieghu huwa korrettement imnizzel bhala "Magro" u mhux "Magri" kif jidher mill-anness certifikat immarkat bhala Dokument "AM2”;

Illi l-attur minn dejjem kien u ghadu maghruf bil-kunjom ta' "Magro" u mhux "Magri";

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-attur numru 6123 tas-sena 1940 il-kunjom tal-missier fil-hames (5) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-post tal-missier fis-sens li minflok "Domenico Magri" ghandu jinqara "Domenico Magro" kif ukoll fis-sitt (6) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm billi minflok "Saveria Magri” ghandu jinqara "Saveria Magro";

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta’ Mejju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 14 fejn gie eccepti:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 6123 tas-sena 1940 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda tal-konvenut a fol 14 u 15 tal-process;

Rat il-verbal tallum fejn Dr Christine Bondin bil-gurament taghha ikkonfermat id-dikjarazzjoni attrici u talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 6123/1940 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Magro" u mhux "Magri" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat taz-zwieg tal-genituri tal-attur stess. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li:-

(1) Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-attur numru 6123 tas-sena 1940 il-kunjom tal-missier fil-hames (5) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-post tal-missier fis-sens li minflok "Domenico Magri" ghandu jinqara "Domenico Magro" kif ukoll fis-sitt (6) kolonna li hija ndikata bit-titolu ta' Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-omm billi minflok "Saveria Magri” ghandu jinqara "Saveria Magro";

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta’ Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 ta’ Novembru 2002**